MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1405/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited**
**u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Micallef**
**u l-istess Paul Micallef**

**Vs**

**Joseph Paul Vella**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmien mija u tnejn u erbghin Liri Maltin, u disa u sebghin centezmu (Lm842.79) u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm739.79 (seba' mija u disa u tletin lira Maltin u disa u sebghin centezmu) lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm103.00 (mija u tlett liri Maltin) lill-attur Paul Micallef, rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-

numru EAW 803 fil-24 ta’ Awissu 2000 gewwa San Pawl il-Bahar habat mall-vettura numru EAV 831 propjieta ta’ Paul Micallef u ikkaguna danni f’din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta’ Ittra Ufficjali datata 30 ta‘ Awissu 2000 kontra l-konvenut u ta’ Ittra Ufficjali ohra ippresentata mal-avviz tat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi:-

1. In linea preliminari l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress illi ghal dan l-incident huwa unikament responsabbli l-attur Paul Micallef b’kawza ta’ imperizja, imprudenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regoalmenti tat-traffiku; u

2. Sussegwentement u bla pregudizzju ghall-premess l-ammont pretiz mill-attur huwa ezagerat;

3. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Sema’ ix-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkonsidra

Dak li huwa skoncertanti f’ din il-habta jirrizulta mill-posizzjoni tal-vetturi kif rizultanti ikun lill-iskrizz tal-pulizija investigattiv, izda dak preparat u prezentat mill-konvenut stess li kieku l-vettura tal-attur ma daritx bid-dawra, kieku kien ikun kompletament f’ postu li kieku l-vettura tal-konvenut ma daritx ukoll bid-daqqa u/jew waqt manuvra ta’ emergenza kien jevita habta ‘in the agony of the accident’ kienet tkun kompletament ‘wrong way’. X’ kien

qed jaghmel fil-karreggiata opposta? Aktar u aktar meta t-triq hija wiesa 6.6 metri tista tigi kwalifikata bhala country road pero aktar kienu hemm wisa’ bizzejjed kien iz-zewg vetturi jghaddu minn fejn xulxin.

Xi gieghel lill-attur jaghfas il-brake u jipprova jwaqqaf il-vettura meta tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, dana ma kienx ikun necessarju!

Sia l-attur u sia mertu Carmen Micallef xehdu illi hekk kif qed jammontaw il-kisra, raw lil konvenut fuq il-karreggjata taghhom, ilu jipprova jikser lejn ix-xellug biex jevitalom u l-attur jafas il-brake. Xorta pero il-kollizjoni ssuccediet! Il-konvenut ra lil attur fil-manuvra tal-habta. L-attur u l-passiggiera tieghu t-tnejn xiedhu li kif rawh gej wrong way, waqqaf u l-konvenut baqa gej go fihom. Inoltre l-attur daqq il-horn biex jaghti pre-avviz konfermat anki mill-konvenut stess- jew dak ghogbu li ma jikkonfermax u/jew jipprocedhu? Dejjem baqa fuq il-kareggiata tieghu, anki mal-habta tant li t-traffiku meta jghaddi hin fuq in-naha tal-konvenut.

Illi l-kontijiet presentati mill-atturi ma gewx kontestanti u ghalkemm qed jigu mehudin bhala konfermati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jilqa t-talbiet attrici u jiddikjara lil-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo stante sewqan imprudenti u nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti tat-traffiku billi ma zammx fuq in-naha propria tat-triq u tikkundannah ihallas is-somma ta’ tmin mija tnejn u erbghin Lira u disgha u sebghin centezmu (Lm842.79) bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------